# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-10 ta' Diċembru 2007

## dwar il-ħatra ta' membru Taljan fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2008/42/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/524/KE, Euratom tal-11 ta' Lulju 2006 li taħtar membri Ċeki, Ġermaniżi, Estoni, Spanjoli, Franċiżi, Taljani, Latvjani, Litwani, Lussemburgiżi, Ungeriżi, Maltin, Awstrijaċi, Sloveni u Slovakki fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Taljan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi, konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Paolo BEDONI, sar vakanti post ta' membru Taljan fil-Kumitat,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Maurizio REALE huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sabiex jissostitwixxi lis-Sur Paolo BEDONI għall-bqija tal-perjodu tal-mandat tiegħu, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. AMADO

([1]) ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.